**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru: 42/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**OMISSIS 1**

**Illum, 7 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra **OMISSIS 1,** detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru XXXXXXM, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL KAP**

*Tentattiv ta' Omiċidju ta' OMISSIS 2*

**Il-Fatti :**

Illi fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għal ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15), **OMISSIS 1** minn issa l' quddiem imsejjaħ bħala l-akkużat, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-ex mara tiegħu **OMISSIS 2** f'periklu ċar, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-

volonta' tiegħu u ċioe' kkommetta tentattiv ta' omiċidju fuq **OMISSIS 2** ġewwa l-fond ġewwa Birkirkara.

Illi iktar kmieni fl-istess jum **OMISSIS 2** iltaqgħet ma' ħabib tagħha ċertu **OMISSIS 3** u flimkien ħadu il-vettura tagħha għand *mechanic* minħabba *puncture.* **OMISSIS 3** u **OMISSIS 3** iddeċidew li sakemm isiru t-tiswijiet neċessarji, iħallu il-karozza għand il-*mechanic* u jinżlu Wied iż-Żurrieq bil-karozza ta' **OMISSIS 3**, sabiex jgħaddu l-ħin. Illi sakemm kienu qegħdin fil- karozza f'Wied iż-Żurrieq, l-akkużat **OMISSIS 1** avviċina l-karozza ta' **OMISSIS 3** u filwaqt li beda juża kliem ta' theddid beda jordna lil **OMISSIS 2** biex toħroġ mill-vettura bil-pretest li ried ikellimha. Madanakollu meta nduna li hi ma kienetx ser toħroġ mill-karozza, l-akkużat **OMISSIS 1** telaq minn fuq il-post.

Illi **OMISSIS 3** stenna ftit minuti sakemm l-akkużat **OMISSIS 1** jilħaq jitbiegħed u saq fid-direzzjoni tal-*mechanic* sabiex jerġgħu jiġbru l-karozza ta' **OMISSIS 2**. Fi triqthom, l-akkużat **OMISSIS 1** ħareġ fin-nofs tat-triq ġewwa ż-Żurrieq u reġa avviċina l-karozza ta' **OMISSIS 3** fejn reġa' beda jisfida lil **OMISSIS 2** toħroġ mill-karozza. Iżda eventwalment ħareġ ħabib tal-akkużat **OMISSIS 1** li kien qiegħed f'vettura oħra fl-istess triq u ġibdu l-bogħod mill-karozza ta' **OMISSIS 3** biex ma tkomplix teskala s-sitwazzjoni.

Illi minn hemm **OMISSIS 3** wassal lil **OMISSIS 2** għand il-*mechanic*, ġabru l-karozza tal-istess **OMISSIS 2** u saqu lejn l-għassa taż-Żurrieq biex jagħmlu rapport fuq dak li kien għadu kif seħħ. Sussegwentement, **OMISSIS 2** u **OMISSIS 3** saqu wara xulxin lejn id-dar tal-ġenituri ta' **OMISSIS 2** ġewwa Birkirkara. Dak il-ħin l-**OMISSIS 1** kien qiegħed jistenna barra viċin din ir-residenza u baqa' hemm jistenna sakemm telaq minn fuq il-post **OMISSIS 3.**

Illi għal ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15), l-akkużat **OMISSIS 1** mar quddiem ir-residenza ġewwa Birkirkara fejn kisser l-antiporta u aċċeda ġewwa l-istess fond. Dak il-ħin kien hemm **OMISSIS 2** u ommha **OMISSIS 4** ġewwa l-kċina f'dan

il-fond. Kif rat hekk **OMISSIS 4** imxiet fil-kuritur li jinsab ezatt kif tidhol mil-bieb prinċipali tar-residenza sabiex twaqqaf lill-akkużat **OMISSIS 1** milli jipproċedi għal kċina fejn kienet tinsab bintha. Madanakollu hu sabbatha ma' gradenza fl-istess kuritur u kompla miexi fid-direzzjoni tal-kċina fejn kienet tinsab **OMISSIS 2.**

F'dan il-mument **OMISSIS 2** pruvat taħrab minn ħdejn l-akkużat **OMISSIS 1** u bdiet iddurlu mal-mejda tal-kċina sabiex hu ma jilħaqiex, iżda l-akkużat **OMISSIS 1** qabad pultruna li kienet tinsab viċin il-mejda u waddabha fuq **OMISSIS 2** u laqatgħha fuq rasha. B'konsegwenza ta' dan **OMISSIS 2** waqgħet mal-art sturduta u l-akkużat **OMISSIS 1** mar viċin tagħha, beda jtiha daqqiet ta' sieq f'rasha u sussegwentament ħareġ mus u taha numru ta' daqqiet bih. Illi waqt din l-aggressjoni, **OMISSIS 4** intefgħat fuq l-akkużat **OMISSIS 1** sabiex twaqqfu, tagħtu daqqa ta' ponn f'żaqqu u ġibdet il-mus minn idejh. L-akkużat **OMISSIS 1** imbotta lil **OMISSIS 4**, reġa' ħa l-mus f'idejh u kompla jaghti numru ta' daqqiet oħra bil-mus lil **OMISSIS 2**. Illi kif irriżulta mir-rapport tal-espert mediko-legali mahtur mill-Maġistrati inkwerenti Dr Mario Scerri, **OMISSIS 2** qalgħet ħames (5) daqqiet ta' mus mingħand l-akkużat **OMISSIS 1** f'għonqha, sidirha u daharha.

Illi minkejja li feruta kif fuq spjegat, **OMISSIS 2** irnexxilha toħroġ barra biex tgħajjat għal għajnuna. F'dak il-mument l-akkużat **OMISSIS 1** ħareġ mil-fond, tefa' l-mus f'barriera viċin id-dar u baqa' sejjer l-Għassa tal-Pulizja sabiex jinforma lil Pulizija ta' dak li ġara. **OMISSIS 2** reġgħet daħlet lura fl-imsemmija residenza u minn hemm ċemplet għall-ambulanza..

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu l-imsemmi **OMISSIS 1** sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja ta' **OMISSIS 2** f'periklu ċar, wera' dana l-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt

liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1**, ħati ta' tentattiv t'omiċidju volontarju u cioe' talli nhar il-5 ta' Mejju 2011 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) f'dawn il-gżejjer u senjatament fil-fond ġewwa Birkirkara, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe' lil **OMISSIS 2** jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess **OMISSIS 2** f'perikolu ċar, wera' dana l-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

**IT-TIENI KAP**

*Offiża Gravi fuq il-persuna ta' OMISSIS 2*

**Il-Fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, żmien u fatti hekk kif deskritti u kif jirriżultaw mill-ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuża u ċioe' nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) ġewwa l-fond gewwa Birkirkara, l-akkużat **OMISSIS 1**, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioe' ta' **OMISSIS 2**, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Illi l-akkużat **OMISSIS 1**, filwaqt li kien armat b'mus, kisser l-antiporta tar-residenza tal-ġenituri ta' **OMISSIS 2** biex jaċċedi ġewwa l-fond imsemmi u vjolentament sabbat lil **OMISSIS 4**, li hija omm **OMISSIS 2**, ma' gradenza meta hi pruvat twaqqfu. Sussegwentement l-istess **OMISSIS 1**, daħal fil-kċina u **OMISSIS 2** bdiet iddurlu mal-mejda tal-kċina sabiex hu ma jilħaqiex iżda l-akkużat **OMISSIS 1** qabad pultruna li kienet tinsab viċin din il-mejda u waddabha fuq **OMISSIS 2** fejn laqatgħha fuq rasha. B'konsegwenza ta' dan **OMISSIS 2** waqgħet mal-art sturduta u l-akkużat **OMISSIS 1** mar viċin tagħha, beda jtiha daqqiet ta' sieq f'rasha u sussegwentament ħareġ mus u taha numru ta daqqiet bih.

Kien f'dan il-ħin li **OMISSIS 4** intefgħat fuq l-akkużat **OMISSIS 1** sabiex twaqqfu, tagħtu daqqa ta' ponn f'żaqqu u ġibdet il-mus minn idejh. L-akkużat **OMISSIS 1** mhux talli ma waqafx, talli imbotta lil **OMISSIS 4** u reġa ħa l-mus f'idejh u ta xi daqqiet oħra bil-mus lil **OMISSIS 2**. Illi kif irriżulta mir-rapport tal-espert mediko-legali maħtur mill-Maġistrat inkwerenti, Dr Mario Scerri, **OMISSIS 2** qalgħet ħames (5) daqqiet ta' mus mingħand l-akkużat **OMISSIS 1** f'għonqha, sidirha u daharha. L-istess rapport jipprovdi wkoll li kien hemm evidenza ta' *pneumohaemothorax* fuq in-naħa tal-lemin, kollass tal-*lobe* t'isfel tal-pulmun tal-lemin kif ukoll laċerazzjoni żgħira fil-*lobe* tal-lemin tal-fwied. Illi mill-konklużżjonijiet li joħorġu minn din ir-relazzjoni tal-istess espert mediko-legali Dr. Mario Scerri, dawn il-feriti huma ta' natura gravi.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu l-akkużat **OMISSIS 1** sar ħati talli kkaġuna offiżi gravi fuq il-persuna, u ċioe' talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u ċioe' ta' **OMISSIS 2**, jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-akkużat **OMISSIS 1** ħati talli, nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15), fil-fond ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioe' lil **OMISSIS 2**jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti mil-ġisem, jew ġabu diffett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

**IT-TIELET KAP**

*Offiża Gravi fuq il-persuna ta' OMISSIS 4*

**Il-Fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, żmien u fatti hekk kif deskritti u kif jirriżultaw mill-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża u ċioe' nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) ġewwa l-fond f'Birkirkara, l-akkużat **OMISSIS 1**, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna u cioe' ta' **OMISSIS 4** jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' **OMISSIS 4.**

Illi l-akkużat **OMISSIS 1**kisser l-antiporta u aċċeda ġewwa r-residenza tal-ġenituri ta' **OMISSIS 2** hawn fuq imsemmija, **OMISSIS 4** (li tigi omm **OMISSIS 2**) pruvat twaqqaf lill-akkużat **OMISSIS 1** fil-kuritur izda fil-mument li pruvat timpedih milli

jidħol fil-kċina, huwa sabbatha vjolentement ma' gradenza li kien hemm f'dan il-kurutur.

Illi sussegwentament l-akkużat **OMISSIS 1** daħal fil-kċina fejn kien hemm **OMISSIS 2** iżda filwaqt li hi pruvat taħrab minn ħdejn l-akkużat, **OMISSIS 1** qabad pultruna li kienet tinsab viċin il-mejda u waddabha fuqha u laqatgħha fuq rasha. B'konsegwenza ta' dan **OMISSIS 2** waqgħet mal-art sturduta u l-akkużat **OMISSIS 1** beda jtiha daqqiet ta' sieq f'rasha u sussegwentament ħareġ mus u taha numru ta' daqqiet bih. Illi waqt din l-aggressjoni, **OMISSIS 4** pruvat tieħu l-mus minn id l-akkużat **OMISSIS 1** bil-għan li twaqqfu. F'dak il-mument l-akkużat **OMISSIS 1** sabbat lil **OMISSIS 4** mal-mejda tal-kċina u reġa' ħa l-mus lura. Dak il-ħin l-akkużat **OMISSIS 1** reġa' ta numru daqqiet oħra ta' mus lil **OMISSIS 2** filwaqt li kompla jissara ma' **OMISSIS 4**. B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha, l-akkużat **OMISSIS 1** ikkaġuna lil **OMISSIS 4** inċiżjonijiet kemm fuq l-id il-leminija kif ukoll fuq dik xellugija hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Kif spjegat ukoll mill-istess espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri, **OMISSIS 4** ġarbet xi *defensive injuries*. Illi **OMISSIS 4** ittieħdet għal kura l-isptar Mater Dei fejn ġie ċertifikat li kienet qiegħda issofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu **OMISSIS 1** sar ħati talli nhar il-5 ta' Mejju 2011, għal ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (15:15) ġewwa l-fond ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew li jniggeż, ikkaġuna ħsarat fil-ġisem jew fis-saħħa ta' **OMISSIS 4** jew ġabilha disordni f'moħħha b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż liema persuna kellha l-eta` ta' sitta u sittin sena.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1**, ħati talli fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) fil-fond ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna ta' **OMISSIS 4** jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' **OMISSIS 4.**

## IR-RABA' KAP

*Użu ta' arma waqt il-kommissjoni ta' delitt volontarju*

**Fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, żmien u fatti hekk kif deskritti u kif jirriżultaw mill-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża u ċioe' nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) ġewwa l-fond f'Birkirkara, filwaqt li l-akkużat **OMISSIS 1** kkommetta l-tentattiv tal-omiċidju volontarju fuq **OMISSIS 2** u kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' **OMISSIS 2** u **OMISSIS 4** kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti u cioe' billi għamel użu minn mus, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmija delitti volontarji. Wara li kkommetta dan ir-reat, l-akkużat **OMISSIS 1** ħareġ mill-fond indikat u rema' l-mus ġewwa barriera.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **OMISSIS 1** sar ħati talli nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) ġewwa l-fond f'Birkirkara, filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, u cioe' filwaqt li kkommetta tentattiv tal-omiċidju volontarju fuq **OMISSIS 2** u kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' **OMISSIS 2** u **OMISSIS 4**, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1** ħati talli nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) ġewwa l-fond f'Birkirkara, filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, u cioe' filwaqt li kkommetta tentattiv tal-omiċidju volontarju fuq **OMISSIS 2** u kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **OMISSIS 4**, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

**IL-ĦAMES KAP**

*Fastidju lil OMISSIS 2*

**Il-Fatti:**

Illi matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'diversi bnadi u ħinijiet f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **OMISSIS 1**, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil

persuna oħra u cioe' lil **OMISSIS 2** u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna.

Illi l-akkużat **OMISSIS 1** u l-vittma **OMISSIS 2** iżżewġu nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija sebgħa u tmenin (1987) mill-liema żwieġ kellhom żewġt ibniet. Ftit snin wara u ċioe' fis-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), huma sseparaw iżda xorta baqgħu jgħixu fl-istess residenza. Madanakollu fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (2010), **OMISSIS 2** fittxet rifuġju u protezzjoni ġewwa x-xelter Dar Merħba Bik minħabba fastidju u theddid kontinwu li kienet tirċievi mingħand l-akkużat **OMISSIS 1.**

Illi fil-perjodu li rrisjediet ġewwa Dar Merħba Bik, **OMISSIS 2** baqgħet ripetutament tirċievi telefonati mingħand l-akkużat, u kien kontinwament jsaqsi għaliha mal-impjegati ta' din ir-residenza. Inoltre, l-akkużat **OMISSIS 1** kien ukoll iżur din ir-residenza fejn kien jibqa' jinsisti li jrid ikellem lil **OMISSIS 2**. Minkejja li **OMISSIS 2** talbitu ma jibqax jagħmel kuntatt magħha huwa baqa' jinsisti li jkellimha u jheddida. Matul dan il-perjodu, **OMISSIS 2**, imwerwra minn dak li darba kien ir-ragel tagħha, ma kienetx qiegħda toħroġ minn Dar Merhba Bik peress li l-akkużat **OMISSIS 1** kemm il-darba informaha li f'każ li toħroġ barra, hu kien ser isibha u jweġġaha tant li saħansitra qallha "*nitfak f'wheelchair*". B'konsegwenza ta' dan, **OMISSIS 2**, ma setgħetx tiltaqa' mat-tfal tagħha. Peress illi l-akkużat **OMISSIS 1** beda jżur din id-dar iktar ta' spiss, **OMISSIS 2** ġiet trasferita f'residenza oħra li hija iktar sigura u ċioe' Dar Għabex.

Illi finalment, wara li għamlet xi żmien tirrisjedi ġewwa dar Għabex, f'April tas-sena elfejn u ħdax (2011), **OMISSIS 2** iddeċidiet illi titlaq minn dar Għabex u tmur tirrisjedi għand il-ġenituri tagħha fl-indirizz f'Birkirkara.

Illi sakemm **OMISSIS 2** għexet fir-residenza tal-ġenituri tagħha, l-akkużat **OMISSIS 1** kien kontinwament iċempel biex ikellem lil **OMISSIS 2** iżda hi kienet tibża tkellmu peress li kien jheddida kontinwament.

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **OMISSIS 1** sar ħati ta' fastidju, u ċioe' talli nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil persuna oħra u cioe' lil **OMISSIS 2** u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1** ħati talli matul is-sitt (6) xhur qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'diversi bnadi u ħinijiet f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil persuna oħra u cioe' lil **OMISSIS 2** u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna.

**IS-SITT KAP**

*Biża li ser tintuża vjolenza fil-konfront ta' OMISSIS 2*

**Il-Fatti:**

Illi matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'diversi bnadi u ħinijiet f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **OMISSIS 1**, permezz tal-atteġament tiegħu kif ukoll kliem ta' theddid fil-konfront ta' **OMISSIS 2** kif ukoll fil-konfront tal-ġenituri tagħha **OMISSIS 4** u **OMISSIS 5** volontarjament ikkaġuna lill-istess persuni jħossu biża reali li ser tintuża vjolenża kontrihom u kontra l-propjeta'

tagħhom (li filfatt ġara), liema biża ġiet ikkaġunata lilhom minħabba l-kliem u l-azzjonijiet tal-istess akkużat.

Illi f'okkażjoni minnhom l-akkużat **OMISSIS 1** ċempel lil **OMISSIS 2** li kienet qiegħda tirrisjedi ġewwa Dar Merħba Bik u informaha li kien ser joqtol lil ġenituri tagħha li kienu jirrisjedu ġewwa Birkirkara.

Illi f'okkażjoni oħra, l-akkużat **OMISSIS 1** ċempel id-dar ta' **OMISSIS 4 U OMISSIS 5** u qalilhom li **OMISSIS 2** ser tispiċċa bħal dik il-mara tal-Imġarr (b'referenza għall-omiċidju ta' Christine Sammut, li nqatlet mil-ex sieħeb tagħha, li kien għadu kif iseħħ dak iż-żmien).

B'konsegwenza ta' dawn l-episodji numerużi u ripetuti, **OMISSIS 2** ma kienetx toħroġ mid-dar minħabba l-biża reali li l-akkużat **OMISSIS 1** ikun qiegħed jistenniha barra.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu l-imsemmi **OMISSIS 1** sar ħati talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) tal-Kodiċi Kriminal, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'liema azzjonijiet huwa laħaq il-mira tiegħu.

**<u>L-Akkuża:</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1**, ħati talli, matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor (u cioe' lil **OMISSIS 2**) biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa

subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'liema azzjonijiet huwa laħaq din il-mira tiegħu filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża'.

## IS-SEBA' KAP

*Inġurja u theddid fil-konfront ta' OMISSIS 2*

**Il-Fatti:**

Illi matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il- ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'diversi bnadi u ħinijiet f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **OMISSIS 1** għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni kkaġuna inġurji jew theddid fil-konfront ta' **OMISSIS 2.**

Illi meta **OMISSIS 2** telqet mid-dar matrimonjali u fittxet kenn ġewwa Dar Merħba Bik, l-akkużat kien iċempel diversi drabi lil Dar Merħba Bik fejn kien jhedded li se jsib lil **OMISSIS 2** barra biex jweġġaha u saħansitra joqtolha. Inoltre, meta **OMISSIS 2** marret lura tirrisjedi għand il-ġenituri tagħha gewwa Birkirkara, l-akkużat beda jċempel hemm u f'numru ta' istanzi mar quddiem din ir-residenza biex jgħidilhom li ser joqtol lil **OMISSIS 2** ġaladarba toħroġ mid-dar.

Illi f'okkażjoni oħra, nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011), ftit ħin qabel kienet se tibda seduta l-Qorti, l-akkużat **OMISSIS 1** mar fuq **OMISSIS 2** u sostna li hu mhux fil-Qorti kien se jkellimha sew iżda kien se jsibha barra l-Qorti. Dak il-ħin **OMISSIS 2** kienet qiegħda tiġi skortata minn żewġ uffiċjali WPC 245 Leanne Sant u PC 1359 Reuben Zammit. Dak in-nhar stess, **OMISSIS 2** flimkien maż-żewġ uffiċjali marru jagħmlu rapport l-għassa tal-Belt.

Illi f'okkażjoni oħra, ftit taż-żmien qabel l-inċident tal-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), l-akkużat **OMISSIS 1** saq lit-tifla tiegħu **OMISSIS 6** lejn Pembroke għal ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00) fejn informaha li sejjer jixtri arma biex joqtol lil ommha u ċioe' lil **OMISSIS 2**. Fil-mument li waslet lura d-dar, **OMISSIS 6** infurmat lil ommha (**OMISSIS 2**) u lin-nanniet tagħha (**OMISSIS 4 U OMISSIS 5**) u l-għada sar rapport ieħor l-Għassa tal-Pulizija.

**<u>Il-Konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu l-akkużat **OMISSIS 1**, sar ħati talli matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni kkaġuna inġurji jew theddid fil-konfront ta' **OMISSIS 2.**

**<u>L-Akkuża:</u>**

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanzi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1**, talli matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'dawn il-Gżejjer għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni kkaġuna inġurji jew theddid fil-konfront ta' **OMISSIS 2.**

## IT-TMIEN KAP

*Ksur ta' digriet tal-Ħelsien mill-arrest*

**Il-Fatti:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi kif narratti fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioe' nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) ġewwa ż-Żurrieq, Birkirkara u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, irriżulta li l-akkużat **OMISSIS 1** kien qiegħed igawdi mill-ħelsien mill-arrest mogħti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fi proċeduri kriminali kontrih fl-ismijiet Pulizija vs **OMISSIS 1**. Il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienu ġew imposti fuqu permezz ta' digriet li kien ingħata nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ċioe' tnax (12)-il jum qabel.

Illi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuq l-akkużat **OMISSIS 1** kienet dik li ma jistax jikkometti reat ieħor ta' natura volontarja waqt it-tgawdija ta' dawn il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Kundizzjoni oħra kienet illi l-akkużat ma setax ikellem jew javviċina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Bl-aġir tiegħu, l-akkużat **OMISSIS 1** u ċioe' bit-tentattiv ta' omiċidju volontarju fuq **OMISSIS 2**, billi kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persina ta' **OMISSIS 4** u **OMISSIS 2** u talli kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari, kiser il-kundizzjonijiet li taħthom ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest.

**Il-konsegwenzi:**

Illi bl-għemil tiegħi mertu tal-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **OMISSIS 1** avviċina xhud tal-prosekuzzjoni u kkometta iktar minn reat wieħed ta' natura volontarja fil-perjodu meta huwa kien qiegħed igawdi l-ħelsien mill-arrest bi ksur tal-istess kundizzjonijiet naqas milli jħares il-kundizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Edwina Grima LL.D (illum Imħalled) fid-digriet tagħha datat 23 ta' April 2011 li bin ingħata l-ħelsien mill-arrest

taħt garanzija. Dakinhar, l-akkużat **OMISSIS 1** avviċina lil **OMISSIS 2** diversi drabi ġewwa l-lokalitajiet taż-Żurrieq, Birkirkara u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer fejn hedded u kkommetta t-tentattiva ta' omiċidju fuq **OMISSIS 2.**

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1**, ħati talli fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) u fil-ġranet ta' qabel, naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Edwina Grima (illum Imħallef) fid-digriet tagħha li ngħata nhar it-tlieta u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u ħdax (2011) li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest, jew waqt li kien meħlus mill-arrest ikkometta delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja u avviċina xhud tal-prosekuzzjoni.

**Il-piena:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **OMISSIS 1** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' (4) xhur sa sentejn (2) jew għal multa u priġunerija flimkien, kif ukoll l-konfiska favur il-Gvern tal-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt il-garanzija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 579(1)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmija akkużat.

## ID-DISA' U L-AĦĦAR KAP

*Ksur ta' garanzija*

**Il-Fatti:**

Illi waqt il-kommissjoni tar-reat mertu tal-Kap preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża u cioe' nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) ġewwa ż-Żurrieq,

Birkirkara u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer, irriżulta li l-akkużat **OMISSIS 1** kiser garanzija li kellu mposta fil-konfront tiegħu għall-ammont ta' mitejn u ħamsin euro (€250.00) mill-Qorti tal-Maġistrti (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Żammit. Permezz ta' din il-garanzija, l-akkużat **OMISSIS 1** kien marbut li għal-perjodu ta' sena mid-data tal-garanzija u cioe' tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), huwa ma setax ikellem u ma setax jersaq lejn **OMISSIS 2** u **OMISSIS 4**. Illi kif jirrizulta, din il-garanzija ngħatat jumejn biss qabel sar l-akkadut nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tal-istess sena. Illi b'konsegwenza tal-għagir tiegħu, l-akkużat **OMISSIS 1** kiser din il-garanzija, billi avviċina lejn **OMISSIS 2 U OMISSIS 4** u kellimhom bl-użu ta' theddid u finalment kkometta t-tentattiv t'omiċidju fuq il-persuna ta' **OMISSIS 2.**

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Illi b'għemilu l-imsemmi **OMISSIS 1**, nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) ġewwa ż-Żurrieq, Birkirkara u fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer kiser il-garanzija impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Claire Stafrace Żammit fejn hu kien marbut li għal perjodu ta' sena mid-data tal-garanzija u ċioe' tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), huwa ma setax ikellem u ma setax jersaq lejn **OMISSIS 2** u **OMISSIS 4**.

**<u>L-akkuża</u>**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **OMISSIS 1,** ħati talli fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) ġewwa ż-Żurrieq, Birkirkara u fi bnadi ohra gewwa dawn il-Gżejjer kiser il-garanzija imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Żammit meta avviċina u kellem lil **OMISSIS 2** u **OMISSIS 4.**

**Piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa jew priġunerija għal żmien ta' erba' (4) xhur sa sentejn (2) jew għal multa u priġunerija flimkien skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 579(2) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat il-verdett tal-gurija tal-lum stess fejn fil-konfront tal-akkuzat OMISSIS 1:

1. Fir-rigward tal-ewwel kap tal-att t'akkuza il-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil OMISSIS 1 hati skond l-ewwel kap tal-att tal-akkuza.
2. Fir-rigward tat-tieni kap tal-atti t'akkuza l-gurati unanimament ma sabux lil OMISSIS 1 hati skond it-tieni kap ta' l-Att t' Akkuza.
3. Fir-rigward tat-tielet kap tal-att t'akkuza l-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra sabu lil OMISSIS 1 mhux hati skond it-tielet kap ta' l-Att t' Akkuza.
4. Fir-rigward tar-raba' kap tal-att t'akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil OMISSIS 1 hati skond ir-raba' kap ta' l-Att t' Akkuza.
5. Fir-rigward tal-hames kap tal-att t'akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil OMISSIS 1 hati skond il-hames kap tal-Att t'Akkuza.
6. Fir-rigward tas-sitt kap tal-att t'akkuza l-gurati bi 8 voti favur u vot kontra sabu lil OMISSIS 1 hati skond is-sitt kap ta' l-Att t' Akkuza.
7. Fir-rigward tas-seba' kap tal-att t'akkuza l-gurati unaninimament sabu lil OMISSIS 1 hati skond is-seba' kap ta' l-Att t' Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil OMISSIS 1:

1. Hati ta' tentattiv t'omiċidju volontarju u cioe' talli nhar il-5 ta' Mejju 2011 għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) f'dawn il-gżejjer u senjatament fil-fond ġewwa Birkirkara, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna

u ċioe' lil **OMISSIS 2** jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess **OMISSIS 2** f'perikolu ċar, wera' dana l-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

2. Mhux hati talli, nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15), fil-fond ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioe' lil **OMISSIS 2** jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti mil-ġisem, jew ġabu diffett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

3. Mhux hati talli fil-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) fil-fond ġewwa Birkirkara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna ta' **OMISSIS 4** jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' **OMISSIS 4.**

4. Hati talli nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011) għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar (15:15) ġewwa l-fond f'Birkirkara, filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, u cioe' filwaqt li kkommetta tentattiv tal-omiċidju volontarju fuq **OMISSIS 2** u kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **OMISSIS 4**, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

5. Hati talli matul is-sitt (6) xhur qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'diversi bnadi u ħinijiet f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu ġab ruħu b'mod li ta' fastidju lil persuna oħra u cioe' lil **OMISSIS 2** u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal dik il-persuna.

6. Hati talli, matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il-ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'dawn il-Gżejjer, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor (u cioe' lil **OMISSIS 2**) biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'liema azzjonijiet huwa laħaq din il-mira tiegħu filwaqt li hu kien jaf jew imissu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża'.

**7.** Hati talli matul is-sitt (6) xhur ta' qabel il- ħamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħdax (2011), f'dawn il-Gżejjer għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien provokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni kkaġuna inġurji jew theddid fil-konfront ta' **OMISSIS 2.**

**Rat illi l-prosekuzzjoni akkuzat lill-OMISSIS 1 b'zewg Kapi t'akkuzi ohra li ma gewx moqrija lill-gurati peress illi jikkoncernaw l-antecedenti tieghu u kien ghalhekk li dawn gew moqrija wara l-verdett tal-gurati u dan ghaliex li kieku l-gurija ma sabitx htija fil-konfront tal-akkuzat fir-rigward tal-ewwel seba' (7) kapi tal-akkuzi jew uhud minnhom, it-tmien (8) u id-disa' (9) kapi t'akkuzi ma setghux jissussistu.**

L-akkuzat irregistra ammissjoni fir-rigward tat-tmien (8) u disa' (9) Kapi tal-Att t'Akkuza u dan seduta stante fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu. Illi in vista ta' din l-ammisjoni l-prosekuzzjoni ma kelliex ghalxiex tressaq il-provi taghha f'dan ir-rigward.

Qieset dak li qalet il-prosekutur Dr Kaylie Bonnett fejn qalet illi OMISSIS 1 li nstab hati taht hames Kapi, b'verdett b'sahhtu hafna mill-gurija u rregistra ammisjoni fir-rigward tal-ahhar zewg kapi. Tghid kif l-akkuzat fl-ahhar irnexxilu jaghmel dak li kien ilu biex jaghmel wara li ghadda lil OMISSIS 2 minn martirju ta' vjolenza domestika u abbuz assolut. Qalet kif OMISSIS 1 ma ghandux rispett lejn l-Awtoritajiet u sahansitra kiser il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u garanzija sahansitra jumejn wara biss li nghatat fil-konfront tieghu. Hija enfasizzat ukoll li  minhabba l-biza kontinwa li ghaddiet minnu OMISSIS 1 hija spiccat tghix go shelter ghal protezzjoni taghha l-boghod minn ulieda li tant thobb. Stqarret ukoll illi ghagir bhal dan ma hemmx postu f'socjeta' u ghalhekk din il-Qorti ghandha taghti piena lejn il-massimu. Hija kkonkludiet illi l-vjolenza domestika ma hemmx postha fis-socjeta' taht l-ebda cirkostanza.

Qieset ukoll dak li qalet l-Avukat Alexandra Mamo bhala avukat parte civile fejn wara li abbraccat ruhha ma dak mistqarr mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-piena li ghandha tinghata minn din il-Qorti, ziedet tghid illi l-verdett huwa wiehed car u dirett u cioe' is-sigill tal-htija. L-agir tal-akkuzat mhux accettabbli u l-kazijiet ta' vjolenza domestika jkexkxu s-socjeta' taghna. *The Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence* maghrufa bhala l-Konvenzjoni t' Istanbul, ezegwibbli bhala parti mill-ligijiet ta' Malta ghandha bhala wiehed mill-ghanijiet taghha l-protezzjoni ta' vittmi nisa minn reati ta' vjolenza domestika. In oltre, minn kazistika tal-QEDB jirrizulta illi nisa vittmi ta' vjolenza domestika huma meqjusa bhala persuni vulnerabbli. Dan il-kaz hu aggravat bi vjolenza domestika fejn il-vittma principali hija OMISSIS 2 li giet abbuzzata ripetitivament mill-ex ragel taghha kemm verbalment, finanzjarjament u anke fizikament. In oltre, OMISSIS 2 garbett sitt daqqiet b'mus u l-atteggament t' OMISSIS 1 kisser familja. Familja fejn suppost hu post t'imhabba u ghozza izda minflok OMISSIS 2 u wlieda gew esposti ghall-vjolenza u abbuz. Fl-isfond tal-kaz in dizamina, OMISSIS 1 baqa' jippersisti u ma wera l-ebda rimors. Fid-dawl tal-verdett, is-severita' tal-piena ghandha tkun iebsa

u proporzjonata ghall-akkuzi li OMISSIS 1 instab hati taghhom u ghalhekk il-piena ghandha tkun wahda massima sabiex isservi ta' deterrent.

Semghet is-sottomisjoniet tal-avukat Dr Josephine Farrugia Mifsud li ghan-nom t' OMISSIS 1 fejn stqarret illi l-piena ma ghandiex tkun lejn il-massimu taghha u li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni is-segwenti meta tigi biex tikkomputa l-piena u cioe' is-segwenti tlett fatturi:

1. Illi fl-incident tal-5 ta' Mejju, 2011 meta OMISSIS 1 ta' daqqiet ta' mus t' OMISSIS 2 huwa ddezista minn jeddu ghal dak li sehh;
2. Illi OMISSIS 1 wara l-incident tal-5 ta' Mejju, 2011 ta ruhu b'idejh lill-pulizija;
3. Illi wara l-incident tal-5 ta' Mejju, 2011 kien l-istess OMISSIS 1 li ndika lill-pulizija fejn kien rema l-mus; u
4. Illi fi tlettax (13)-il sena ta'wara l-akkadut OMISSIS 1 zamm il-boghod minn OMISSIS 2.

Ikkunsidrat,

**Dwar il-piena, il-Qorti rat illi dan hu kaz klassiku ta'vjolenza domestika bejn ragel u l-ex-mara tieghu fejn il-vjolenza emozzjonali, fizika, u finanzjarja twassal lill-istess mara, vittma vulnerabbli sabiex titlaq minn darha, tabbanduna lil ulieda u tidhol titlob ghall-protezzjoni go xelter. Mhux talli hekk, izda minhabba l-agir ripetut u abbuziv ta' l-akkuzat, kellha sahansitra tbiddel anke ix-xelter inqatghet mid-dinja billi l-genituri taghha u qas ulieda ma setghu jzuruha u ghalhekk minkejja li kienet il-vittma spiccat hi gewwa habs u dan ghaliex ma setghetx tgawdi l-moviment liberu taghha.**

**M'hemmx dubbju li l-gravita tad-delitti ghandhom jigu riflessi fis-severita' tal-piena u din il-Qorti ma tista QATT taccetta li jkun hemm vjolenza domestika f'socjeta' civilizzata u ghandha dejjem tikkundanna agir bhal dan deplorabbli fuq membri tal-familja li jkunu membri daqstant vulnerabbli. Huwa d-dover ta' din il-Qorti li taghti messagg car u dirett illi azzjonijiet bhal dawn u cioe' ta' vjolenza**

domestika ghandha ssib l-id iebsa tal-gustizzja u ghalhekk dak li jkun ghandu jaffaccja piena severa.

Illi f'dan il-kaz it-theddid, l-ingurji, il-fastidju u l-biza ta' vjolenza sehhew fuq mhedda ta'zmien tant li kkagunaw trawma rreparabbli kemm fuq OMISSIS 2 u wlieda u nehhiet ghal kollox il-paci, l-imhabba u l-ghozza li ghandu jkun hemm gewwa familja.

Illi l-komportament tal-akkuzat ma jista' qatt jigi gustifikat u ghalhekk wasal iz-zmien li hu ghandu jpatti ghal ghemilu. Din il-Qorti rat ukoll illi l-akkuzat mhux talli ma ghandux rispett lejn l-ex mara tieghu, il-kunjati tieghu u wliedu li gab f'din id-dinja, izda wkoll ma ghandux rispett lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja tant li minkejja li nghata garanzija sabiex ma jimmolestax u ma jingurjax u ma javvicinax lil OMISSIS 2 fi-3 ta' Mejju, 2011, kien biss jumejn wara li kkommetta d-delitt t'attentat t'omicidju fost akkuzi ohra. Mhux hekk biss, izda kien biss ukoll tnax (12)-il jum wara li huwa nghata l-liberta' provizorja b'digriet mahrug f'23 t' April, 2011 li huwa kkommetta r-reati li taghhom nstab hati. Zgur ghalhekk li f'cirkostanzi bhal dawn, il-Qorti qatt ma tista tkun klementi mieghu.

Jinghad ukoll illi minn ezami tal-fedina penali aggornata tieghu, l-akkuzat baqa' jikkommetti reati wara li nghata l-liberta' provvizorja fi 23 t' April, 2011 instab hati taghhom, izda r-reati li nstab hati taghhom kienu wkoll inter alia jikkoncernaw akkuzi simili bhal dawn odjerni u cioe' insulti, theddid, fastidju u biza li ser tintuza vjolenza fuq mara ohra, apparti reati ohrajn inter alia hsara volontarja, garr ta'sikkina jew strument li jaqta' bil-ponta, ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku u ksur ta' bon ordni u paci pubblika.

Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi l-piena li din il-Qorti ghandha timponi ghandha tkun wahda severa li tirrifletti s-severita' ta' dak li ghamel OMISSIS 1 kif misjub hati.

Għalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7(2), 17, 23, 31, 41(1), 211(1)(2), 251A(1)(b), 251A(4), 251B, 339(1)(e), 383, 384, 532A, 533 u 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 55, 56 u 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tal-ewwel (1), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) Kapi tal-Att t'Akkuza u tikkundanna lill-hati OMISSIS 1 ghall-piena ta' hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija. Filwaqt li tiddikjara li mhux qed issibu hati tat-tieni u tat-tielet Kapi tal-Att t' Akkuza u tilliberah minnhom.

Tordna ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 sabiex l-akkuzat ihallas l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti u dan fl-ammont ta' €5,455.43 rapprezentanti s-segwenti spejjez:

1. Is-somma ta' €916.38 imhallsa lil Dr Mario Scerri a fol. 302 tal-atti;
2. Is-somma ta' €1263.37 imhallsa lil perit Mario Cassar a fol. 407 tal-atti;
3. Is-somma ta' €3343.24 imhallsa lil Dr Marisa Cassar ghad-Dok MC1 a fol 507;
4. Is-somma ta' €353.22 imhallsa lil PS 612 Theo Vella u PS 644 Evan Camilleri a fol. 628;
5. Is-somma ta' €495.60 imhallsa lil Dr Marisa Cassar ghad-Dok MC2 a fol 644;

Illi ghalhekk tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-direttur tal-Qorti Kriminali bil-ghan li tigbor dawn l-ispejjez u l-akkuzat hu obbligat li jhallas dawn l-ispejjez fi zmien xahar minn meta jigi nterpellat u fin-nuqqas jigu konvertiti fi zmien ta'prigunerija skond il-ligi.

Tordna il-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-mus esebit fl-atti.

Tobbliga lill-OMISSIS 1 ma jimmolestax lil OMISSIS 2 fuq penali ta' elfejn euro (€2,000) fin-nuqqas ghal zmien sena. Dan l-obbligu jibda jgħodd minn dak in-nhar li fih il-piena karcerarja tiġi skuntata jew maħfura skond l-Artikolu 383(3) tal-Kap 9. In oltre, din il-Qorti tordna lil OMISSIS 1 sabiex tithares il-persuna ta' OMISSIS 2 sabiex wkoll jgib plegg fl-ammont ta' elfejn euro (€2,000) ghal zmien li jidhirlha l-Qorti minn

issa mhux definit u sakemm il-qorti jidhrilha li jkun hemm raġuni tajba l-għaliex dak l-obbligu m'għandux jibqa' jseħħ dan ai termini ta' l-artikolu 384 tal-Kap 9.

Tordna lil OMISSIS 1 ihallas lil OMISSIS 2 ghaxart elef euro (€10,000) f'danni u dan ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali.

Tordna wkoll ir-revoka tal-liberta' provvizorja moghti permezz tad-digriet tat-23 t' April, 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u tornda konfiska tal-garanzija personali ta' €5,000 favur il-gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Finalmenet, din il-Qorti tghid illi hija qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u dan stante li din it-tip t' Ordni ta' Protezzjoni tinghata biss *pendente lite*.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef